# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 23 ta' Marzu 2022**

**Talba numru 255/2021SFJ**

**B&G GROUP LIMITED (C50883) EŻERĊENTI L-KUMMERĊ "J2 GROUP"**
**VS.**
**SOVEREIGN HOTELS LIMITED (C10538)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-2 ta' Settembru 2021 li permezz tiegħu ġie espost u mitlub illi s-soċjetà konvenuta kienet debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tlett elef u mija u żewġ Ewro u sebgħin ċenteżmu (€3,102.70) rappreżentanti ħlas dovut għal servizzi fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika;

Ra r-Risposta tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fl-1 ta' Ottubru 2021; u

Sema' lix-xhieda, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw matul is-seduta tal-15 ta' Frar 2022, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-23 ta' Marzu 2022.

## Provi ippreżentati

Is-soċjetà attriċi ppreżentat tlett affidavits, li huma dawk ta' Brian Darmanin, Gordon Shephard u Jeremy Mifsud.

Taħt ġurament, Brian Darmanin xehed:

- Illi hu kien direttur tas-soċjetà attriċi u li fis-sena 2017, kien sar jaf lil ċertu Ronald Azzopardi.

- Illi tramite s-soċjetà konvenuta, Azzopardi avviċinah sabiex is-soċjetà attriċi tibda tipprestalha servizzi ta' *IT support* fil-Windsor Hotel f'Tas-Sliema.

- Illi stante li s-servizzi kienu meħtieġa frekwentement, ġie deċiż li s-soċjetà attriċi titħallas permezz ta' *retainer* mensili.

- Illi stante li kien hemm qbil, is-servizzi bdew jiġu pprestati mill-31 ta' Ottubru 2017 'il quddiem.

- Illi s-soċjetà attriċi kienet toħroġ rendikont fix-xahar u minn dejjem kien hemm problemi biex is-soċjetà konvenuta tħallas iżda b'xi mod jew ieħor, il-ħlas dejjem sar.

- Illi l-problemi rigwardanti l-ħlas baqgħu għaddejjin u fil-fatt, l-ewwel fattura dovuta tmur lura għal Ottubru 2019.

- Illi matul il-pandemija, Azzopardi qal lix-xhud li s-soċjetà konvenuta riedet twaqqaf ir-*retainer* mensili u tibda tħallas biss għal servizzi li kellha bżonn, billi l-lukanda kienet magħluqa.

- Illi matul l-istess żmien, Azzopardi, tramite s-soċjetà konvenuta, għadda lis-soċjetà attriċi xi ċekkijiet maħruġin minn Rylex Holdings Limited, iżda xi ċekkijiet ma ġewx onorati.

- Illi eventwalment, ġie deċiż li sakemm is-soċjetà konvenuta ma tħallasx l-ammont kollu dovut, ma jingħatawlhiex aktar servizzi. Ix-xhud kien informa lil Ronald Azzopardi dwar dan.

- Illi s-soċjetà konvenuta qatt ma kkontestat l-ammont dovut.

- Illi huwa kien ferm sorpriż meta fir-Risposta, is-soċjetà konvenuta qalet li ebda servizz ma ġie pprestat u ebda ammont ma kien dovut, u dan stante li kellu kopji ta' komunikazzjoni ma' Ronald Azzopardi fejn dan saħansitra pprova jħallas b'ċekkijiet li ma ġewx onorati.

- Illi l-ammont sħiħ kien għadu dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi.

Gordon Shephard ippreżenta affidavit qasir li fih qal li huwa qara l-affidavit ta' Brian Darmanin u li kien jaqbel mal-kontenut tiegħu.

Jeremy Mifsud xehed li huwa kien tekniku fi ħdan is-soċjetà attriċi u li diversi drabi kien mar il-Windsor Hotel sabiex isolvi xi problema li jkollha l-lukanda, u dan wara li Ronald Azzopardi jkun informa lis-soċjetà attriċi bil-problema. Huwa qal li s-servizz beda jingħata minn Ottubru 2017. Mifsud qal ukoll li s-servizz li ngħata kien dejjem tajjeb u li Azzopardi qatt ma lmenta. Inoltre, huwa ppreżenta xi *job sheets* li jkunu mtlew wara li s-servizz ikun ippreстat, liema *sheets* kienu ffirmati anki minn rappreżentant tas-soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2021 xehed in eżami Ronald Azzopardi. Huwa qal li kien *general manager* fi ħdan is-soċjetà konvenuta. Azzopardi xehed li s-soċjetà attriċi kienet tassisti lil dik konvenuta fis-sistema tal-kompjuters. Qal li għall-bidu kien hemm *retainer* ta' €590.00 fix-xahar u eventwalment ir-*retainer* ma baqax. Is-soċjetà konvenuta bdiet tħallas *cash* għal servizzi speċifiċi. Huwa qal li r-*retainer* waqaf għall-ħabta ta' Ottubru 2019 u kien qiegħed jikkontesta l-*invoices* rigward ir-*retainers*.

Ix-xhud spjega li skontu, dawk l-*invoices* li jindikaw ammonti ta' €855.50 u €637.20 rispettivament kienu verament dovuti lis-soċjetà attriċi.

Ix-xhud spjega wkoll li bejn Ottubru 2019 u Diċembru 2019 u mbagħad bejn Jannar 2020 u Marzu 2020, ma ngħatawx servizzi għax is-soċjetà konvenuta f'dawk iż-żminijiet ma kellhiex problemi fis-sistema tal-*IT*.

Fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2022 sar il-kontro-eżami ta' Brian Darmanin. Huwa kkonferma li d-dokument PG1 kien l-istima li abbażi tagħha saru r-*retainers* lis-soċjetà konvenuta. Qal li l-ewwel ħlas li ma sarx kif suppost kien ir-*retainer* ta' Ottubru 2019.

Fir-rigward tas-servizzi għal Marzu 2021, ix-xhud spjega li anki matul dak ix-xahar offrew is-servizzi tagħhom lis-soċjetà konvenuta għax fil-fatt, il-lukanda kienet għadha qed topera billi ġġib l-istudenti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Is-soċjetà attriċi tibbaża ruħha fuq l-istima a fol. 4 tal-proċess (dokument BG1) u l-i*statement of invoices* a fol. 5 tal-proċess (dokument BG2).

It-Tribunal josserva li fid-dokument BG2, is-soċjetà attriċi ħarġet it-total tal-ammont dovut abbażi ta' *invoices* li minnhom ma tħallas xejn (u t-total kien jammonta għal €5,097.60) u minn dak it-total naqqset *unallocated payments* ammontanti għal €1,994.90. Il-bilanċ rimanenti huwa dak mitlub permezz ta' din il-kawża.

Dwar l-*unallocated payments*, it-Tribunal jirreferi għax-xhieda ta' Brian Darmanin meta dan qal li meta kienu jsiru xi pagamenti, Ronald Azzopardi (f'isem is-soċjetà konvenuta) ma kienx jippreċiża li tali pagament kien indirizzat sabiex jissodisfa xi *invoice* partikolari.

It-Tribunal jinnota wkoll li l-varji *screenshots* ta' messaġġi tramite *WhatsApp* esebiti a fol. 55 *et seq.* ma ġewx ikkontestati mis-soċjetà konvenuta. Qatt ma ġie allegat, pereżempju, li ma kienx minnu li saret dik il-korrispondenza bejn ir-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi u Ronald Azzopardi (għas-soċjetà konvenuta).

Ronald Azzopardi xehed (fol. 78A) li r-*retainer* twaqqaf għall-ħabta ta' Ottubru 2019. Ir-raġuni li ta kienet li s-soċjetà attriċi kienet bniet sistema tal-*IT* tajba għas-soċjetà konvenuta u għalhekk, wara li x-xogħol tlesta, għall-ħabta ta' Ottubru 2019, ma kienx hemm raġuni għaliex kellhom jibqgħu jsiru ħlasijiet mensili. F'dan l-istadju, iżda, jirriżulta li meta ġie mistoqsi direttament għaliex l-*invoices* ma ġewx ikkontestati *a tempo vergine*, Azzopardi ma weġibx (ara fol. 78A kif ukoll il-messaġġi a fol. 55 *et seq*.). Min-naħa tiegħu, Azzopardi ma ġab ebda prova li xi *invoices* ġew ikkontestati fil-ħin li ħarġu, jew addirittura f'xi punt ieħor qabel infetħet din il-kawża.

Jirriżulta li hemm konflitt fis-sens li filwaqt li Azzopardi qal li l-arranġament tar-*retainer* mensili waqaf f'Ottubru 2019, Brian Darmanin qal fl-affidavit tiegħu li kien "*fi żmien il-pandemija tal-Covid 19*" li Azzopardi talab li l-arranġament tar-*retainer* jieqaf. Billi l-pandemija laqtet lil Malta eżatt wara Jannar 2020, huwa evidenti li l-*invoices* datati 1 ta' Novembru 2019 u 2 ta' Diċembru 2019 (ara dokument BG2) huma kkontestati. Fuq dan il-punt, iżda, it-Tribunal sejjer jagħżel li jemmen lil Brian Darmanin, u dan għar-raġuni li m'hemmx provi li Azzopardi jew rappreżentanti oħrajn tas-soċjetà konvenuta ikkontestaw ir-*retainers* ta' Novembru 2019 u Diċembru 2019 f'xi punt jew ieħor qabel il-ftuħ ta' din il-kawża. Huwa biss issa, f'din il-kawża, li qed titqajjem oġġezzjoni għalihom.

Azzopardi argumenta fix-xhieda tiegħu li r-*retainers* ma baqgħux jitħallsu għax is-soċjetà attriċi ħolqot sistema tajba tal-*IT* għas-soċjetà konvenuta u ma kienx hemm bżonn aktar ħlasijiet wara li s-sistema tlestiet. Iżda min-naħa l-oħra, is-soċjetà attriċi qatt ma rreferiet għal xi ħolqien ta' sistema. Skont is-soċjetà attriċi, l-inkarigu tagħha kien biss li tagħmel *server checkups*, *backup checkups*, *remote and onsite support*, u li tkun *on call*. L-istima (fol. 4) imkien ma ssemmi li s-soċjetà attriċi kienet inkarigata **toħloq** sistema tal-*IT*.

Jidher li dan kien biss arranġament ta' manutenzjoni u sabiex jiġu solvuti problemi tekniċi li wieħed jinzerta minn żmien għal żmien.

Azzopardi xehed ċar (fol. 81) li l-ammonti indikati fl-*invoices* tat-30 ta' Diċembru 2019 u tas-27 ta' Lulju 2020 (ir-raba' *invoice* u l-aħħar *invoice* rispettivament imsemmija fid-dokument a fol. 5) kienu dovuti lis-soċjetà attriċi. **Din hija ammissjoni ċara li almenu, is-soċjetà attriċi għandha tieħu €1,492.70 is-soċjetà konvenuta.**

B'referenza għall-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, it-Tribunal josserva li *retainer* ifisser li s-soċjetà konvenut tkun kuntenta tħallas ammont fiss kull xahar minflok diversi ammonti skont kemm-il biċċa xogħol tinqala'. L-ammont ta' €590.00 fix-xahar kien ammont fiss li jkopri s-servizzi elenkati fid-dokument a fol. 4 tal-proċess. Imbagħad, l-istess dokument jispeċifika li servizzi addizzjonali jattiraw miżati oħrajn lilhinn mir-*retainer* mensili. Kwindi, it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għandha mis-sewwa.

Dwar it-tieni eċċezzjoni, kif diġà ngħad, hemm konflitt fil-provi. Ronald Azzopardi qal li r-*retainer* twaqqaf għall-ħabta ta' Ottubru 2019 (iżda qal ukoll li ma kienx ċert) filwaqt li Brian Darmanin qal li dan l-arranġament twaqqaf fil-bidu tal-pandemija (jiġifieri wara Jannar 2020). Stante li Azzopardi ma kienx wisq ċert minn dak li qal u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmulin aktar 'il fuq, kif ukoll ix-xhieda **inkontradetta** ta' Brian Darmanin li l-lukanda ġestita mis-soċjetà attriċi kienet qed tirċievi xi studenti, it-Tribunal lanqas ma jemmen li t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għandha mis-sewwa.

Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni, it-Tribunal jirrileva li Ronald Azzopardi kien l-agħar għadu tiegħu stess stante li meta kien isir pagament, dan ma kienx jispeċifika liema *invoice* ried jindirizza bil-pagament li jkun sar. Kieku Azzopardi kien jispeċifika li pagament partikolari jikkorrispondi għal *invoice* partikolari, forsi kienet tkun storja oħra. Fi kwalunkwe każ, iżda, it-Tribunal osserva li la fir-Risposta u lanqas fl-istadju tal-provi ma ġie spjegat eżattament liema *invoices* jew servizzi ġew indirizzati mill-ammont ta' €1,994.90 li tħallas mis-soċjetà konvenuta.

Konsegwentement, it-Tribunal isib li l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi huma fondati.

## <u>Deċide</u>

Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li sema' lix-xhieda kollha, it-Tribunal:

i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;

ii. Jilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tas-soċjetà attriċi u jiddikjara lis-soċjetà konvenuta debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tlett elef u mija u żewġ Ewro u sebgħin ċenteżmu (€3,102.70) kif ukoll jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-istess ammont lis-soċjetà attriċi, bl-imgħax li għandu jiddekorri kif ġej:

    - Fuq l-ammont ta' elf u erba' mija u tnejn u disgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€1,492.70), b'imgħax b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, li jiddekorri mis-27 ta' Lulju 2020 sad-data tal-pagament effettiv (dan stante l-ammissjoni misjuba fix-xhieda ta' Ronald Azzopardi); u

- Fuq l-ammont rimanenti ta' elf u sitt mija u għaxar Ewro (€1,610), b'imgħax b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, li jiddekorri mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv;

iii. Jiċħad il-partijiet tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju stante li ma ġiet ippreżentata ebda prova tal-istess.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**